

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *Perusahaan Otomobil Nasional Sdn Bhd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 69, 21.03.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2011 — El Jirari Bouzekri vs UASI — Nike International (NC NICKOL)

(Kawża T-207/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva NC NICKOL — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti NIKE — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Nuqqas ta’ xebh tas-sinjali — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94”)

(2011/C 331/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Mustapha El Jirari Bouzekri (Malaga, Spanja) (rappreżentant: E. Ragot, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Nike International Ltd (Beaverton, Oregon, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. de Justo Bailey, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta' Frar 2009 (Każ R 554/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nike International Ltd u Mustapha El Jirari Bouzekri.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-25 ta' Frar 2009 (Każ R 554/2008-2), hija annullata.*
- (2) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Mustapha El Jirari Bouzekri. Nike International Ltd għandha tbat l-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 167, 18.07.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2011 — New Yorker SHK Jeans vs UASI — Vallis K. — Vallis A. (FISHBONE)

(Kawża T-415/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali FISHBONE — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti FISHBONE BEACHWEAR — Raġuni relattiva għal rifjut — Rifjut parzjali ta’ reġistrazzjoni — Użu ġenwin mit-trade mark Komunitarja — Teħid inkunsiderazzjoni ta’ provi addizzjonali — Motivazzjoni — Prova tal-użu ġenwin — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 42(2) u (3) u Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — It-tieni sentenza tar-Regola 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — L-ewwel subparagrafu u l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) u Artikolu 42(2), (3) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2011/C 331/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: New Yorker SHK Jeans GmbH & Co. KG, li kienet New Yorker SHK Jeans GmbH (Kiel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. Spitz, A. Gaul, T. Golda u S. Kirschstein-Freund, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Vallis K. — Vallis A. & Co. OE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: M. Kilimiri, V. von Bomhard, A. W. Renck, avukati, u H. J. O'Neill, solicitor)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Lulju 2009 (Każ R 1051/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Vallis K. — Vallis A. & Co. OE u New Yorker SHK Jeans GmbH & Co. KG.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- (2) *New Yorker SHK Jeans GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 297, 05.12.2009